

ACER



Agency for the Cooperation
of Energy Regulators



L-Aġenzija għall-
Kooperazzjoni
tar-Regolaturi tal-
Enerġija



Naħdmu lejn Suq tal-Enerġija Intern kompetittiv, sostenibbli, sikur u trasparenti għall-benefiċċju tal-konsumaturi kollha tal-UE.

Il-missjoni globali tal-ACER hija li tassisti lill-awtoritajiet regolatorji tal-enerġija nazzjonali (NRAs) sabiex jesegwixxu d-dmirijiet tagħhom fil-livell tal-UE u sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom kull meta jkun meħtieġ.

L-ACER tikkoopera mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-partijiet interessati, b'mod partikolari l-NRAs u n-Netwerks Ewropej tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni (ENTSOs), sabiex jitwasslu għadd ta' strumenti għat-tlestija ta' suq uniku tal-enerġija fl-UE.

L-Aġenzija nħolqot taħt it-Tielet Pakkett tal-Enerġija, sett ta' direttivi u regolamenti li daħal fis-seħħ fl-2011. Minn dak iż-żmien l-ACER irċeviet responsabbiltajiet addizzjonali fis-sorveljanza tas-suq tal-enerġija bl-ingrossa skont ir-Regolament dwar l-integrità u t-trasparenza tas-suq tal-enerġija (REMIT) adottat fl-2011.

Stabbilita fl-2011.

Tinsab f'Ljubljana, is-Slovenja.

It-tliet oqsma prinċipali li fuqhom jiffokaw l-attivitajiet tal-ACER huma:

- L-appoġġ għall-iżvilupp ta' regoli u inizjattivi komuni: l-ACER toħroġ linji gwida qafas li mbagħad iservu bħala bażi għall-iżvilupp ta' kodiċijiet tan-netwerk fl-UE kollha li għandhom jintużaw mill-atturi kollha tas-suq. L-ACER tikkoordina wkoll Inizjattivi Reġjonali li huma sforzi konkreti li jsiru fuq livell reġjonali lejn integrazzjoni akbar tas-suq;
- L-infrastruttura tal-enerġija: l-ACER toħroġ opinjonijiet dwar pjanijiet ta' żvilupp tan-netwerk fuq medda ta' għaxar snin bil-għan li taċċerta li dawn huma konformi mal-prijoritajiet stabbiliti fil-livell tal-UE;
- Il-monitoraġġ tas-suq tal-enerġija: l-ACER għandha missjoni ġenerali f'termini ta' monitoraġġ tas-suq u responsabbiltà speċifika ħafna meta tiġi għall-kummerċ fl-enerġija bl-ingrossa.